**14 ta' Novembru, 1997**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino, B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

Carmel *sive* Lino Borg

*versus*

Henry Thake

**Ritrattazzjoni - Artikolu 811 (a) u 811 (i) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili - Qerq Ġudizzjarju - Disposizzjonijiet Kontradittorji f'Sentenza**

*Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet talba għal ritrattazzjoni għaliex la rriżulta qerq ġudizzjarju ta' parti kontra oħra jew qerq ġudizzjarju inerenti mal-proċeduri u lanqas ma sabet kontradizzjonijiet fid-dispositivi tas-sentenza.*

Il-Qorti:-

Din il-Qorti qed tiġi mitluba mill-konvenut li takkordalu s-smigħ mill-ġdid tal-kawża fl-ismijiet premessi deċiża finalment b'sentenza ta' din il-Qorti tal-15 ta' Novembru, 1994;

L-attur ipproċeda oriġinarjament b'att ta' ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li bih, wara li ppremetta li in forza ta' skrittura bejn il-kontendenti ta' l-14 ta' Lulju, 1982, hu obbliga ruħu li fil-ġurnata u ħin stess li jixtri mingħand B. Tagliaferro & Sons Ltd., il-flat numru 15, Blokk 2, numru 47, Tignè Mansions, tas-Sliema, iħallas lill-attur is-somma ta' Lm4,200 bħala kumpens tat-terminazzjoni tal-lokazzjoni ta' l-istess flat a saldu tad-drittijiet għall-kumpens tal-benefikati u bi ħlas tal-*kitchen cupboards* u xi oġġetti mobbli, talab li l-konvenut iħallas l-imsemmija somma, peress li l-attur ried joqgħod għal dak il-ftehim, bl-imgħaxijiet legali u bl-ispejjeż";

Il-konvenut ritrattand eċċepixxa li jekk l-iskrittura kienet konvenju, l-azzjoni attriċi ma baqgħetx valida għaliex l-ittra uffiċjali tiegħu ġiet preżentata iżjed tard minn tliet xhur wara d-

data ta' dik l-iskrittura; illi l-pretensjoni ta' l-attur, in kwantu ried kumpens għat-terminazzjoni tal-lokazzjoni, kienet invalida u illeċita għaliex lokazzjoni ta' fond rekwiżizzjonat, kif kien il-fond li fih kien joqgħod l-attur, ma tistax tiġi *negozjata*; *illi* l-attur ma ħariġx mill-fond u ma abbandunax il-lokazzjoni, u difatti ħareġ mill-fond wara ħafna snin għax ġie imġiegħel hekk jagħmel, wara proċeduri ta' żgumbrament mill-*Housing Department* u mhux minnu;

Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili b'żewġ sentenzi tad-29 ta' April, 1992 u ta' l-4 ta' Diċembru, 1992 irriġettat eċċezzjonijiet tal-konvenut u akkoljiet it-talbiet attriċi bl-ispejjeż. B'sentenza tal-15 ta' Novembru, 1994, din il-Qorti ċaħdet l-appell interpost mill-konvenut ritrattand u kkonfermat iż-żewġ sentenzi tal-prim'istanza bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Il-konvenut qed jissottometti illi hemm lok għal ritrattazzjoni għal raġunijiet ibbażati fuq kawżali kkontemplati fis-subinċiż (a) u s-subinċiż (i) ta' l-artikolu 811 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Hu konvenjenti illi kull wieħed minn dawn l-aggravji jiġi trattat *separtim* billi l-ewwel jiġi rreġistrat il-motiv tar-ritrattand u wara l-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti dwaru;

Fuq dan l-aggravju ir-ritrattand hekk jissottometti:

"Is-subinċiż (a) ta' l-artikolu 811 tal-Proċedura Ċivili jagħti lok għar-ritrattazzjoni fil-każ li jkun hemm frodi. Jiġi sottomess li bl-aġir tiegħu l-attur, meta insista għal pagament ta' Lm4,200 biex, *inter alia*, jirrinunzja għal-lokazzjoni kien qiegħed jaġixxi b'mod frawdolenti fir-rigward ta' l-esponent. Difatti l-iskrittura bejn il-partijiet saret fl-14 ta' Lulju, 1982. Fit-28 ta' Settembru, 1982 l-attur, ad insaputa tal-konvenut, għamel allokazzjoni lil Housing biex jieħu plot tal-Gvern.

Skond il-*policy* tal-Gvern, f'każijiet simili, min jieħu plot irid, meta jibniha, iċedi l-fond, li jkun qed jokkupa, lill-Gvern (ara xhieda ta' Victor Sciberras Grioli, Segretarju tal-Bord tal-Housing tat-23 ta' April, 1991, paġ. 2 u 7). *Dana juri mhux biss* li l-attur impenja ruħu li jagħti l-flat, li tiegħu kien inkwilin, lil Housing, iżda għamel dan nonostante li l-istess flat, f'dak iż-żmien, ma kienx rekwiżizzjonat. U b'dan l-aġir tiegħu stess l-attur poġġa ruħu fil-posizzjoni li ma setax iċedi l-inkwilinat a *favur ta' l-esponent u kwindi nnewtralizza huwa stess l-effetti* legali u fattwali ta' l-iskrittura ta' l-14 ta' Lulju, 1982. Dan jammonta għal aġir frawdolenti da parti ta' l-attur, li l-Qorti ta' l-Appell, fis-sentenza tagħha, ma kkunsidratx";

Dan l-aggravju hu għal kollox insostenibbli fil-liġi. Difatti s-subinċiż (a) ta' l-artikolu 811 ma jagħtix lok għal ritrattazzjoni *"fil-każ li jkun hemm frodi". Is-smigħ mill-ġdid* jista' jiġi akkordat biss "jekk is-sentenza tkun ittieħdet b'qerq ta' *waħda mill-partijiet bi ħsara tal-parti l-oħra".* Il-qerq jew il-frodi allura ma jridux ikunu jirriżultaw jew ma jridux ikunu relatati mal-meritu li pprovoka l-vertenza u li ġie ttrattat *quddiem il-Qrati u minnhom deċiż imma jridu jkunu jirriżultaw* jew ikunu relatati mal-proċeduri deċiżi bis-sentenza appellata u bihom infiċċjata. Is-subinċiż *jipprovdi* għal smigħ mill-ġdid fil-każ fejn is-sentenza tkun ittieħdet b'qerq u mhux fejn il-pretensjoni ta' l-attur fit-talba tkun għall-kreditu li oriġina minn aġir allegatament delitwuż jew qarrieqi tal-konvenut;

Id-diċitura tas-subinċiż *tant hija ċara li ma tirrikjedi l-ebda* skjariment jew intepretazzjoni ulterjuri. Mill-aggravju tar-ritrattand hu ovvju illi dan ma kienx qed jallega xi irregolarità fil-proċeduri da parti ta' l-attur fil-konfront tiegħu li jammonta għall-qerq u li bħala konsegwenza tiegħu s-sentenza kien ġust li tiġi mħassra. Ir-ritrattand qed jerġa' jilmenta - *kif ilmenta* quddiem il-Prim'Awla u quddiem din il-Qorti fit-trattazzjoni ta' l-appell - illi l-aġir ta' l-attur li fuqu kien qed jibbaża t-talba

tiegħu kien qarrieqi u frawdolenti fil-konfront tiegħu. Meritu *dan li dwaru ngiebu l-provi mill-kontendenti* u *li* dwaru saru s-sottomissjonijiet. Il-fatti allegatament frawdolenti kienu kollha magħrufa kemm fil-mument meta ġiet intavolata l-azzjoni kif ukoll u ċertament kienu a konoxxenza tal-Qorti kemm meta l-kawża ġiet deċiża mill-Prim'Awla kif ukoll meta din ġiet finalment determinata minn din il-Qorti. Ma jirriżulta l-ebda fatt jew ċirkostanza ġdida addebitabbli lill-attur ritrattat li ġew a *konoxxenza tal-konvenut ritrattand wara li ġiet pronunzjata s-*sentenza mpunjata u li jista' jiġi meqjus li b'qerq jinfiċċjaw il-proċeduri u allura l-istess sentenza. Fin-nuqqas ta' dan l-element vitali biex validament tiġi eradikata t-talba għar-ritrattazzjoni fuq dan is-subinċiż, it-talba tar-ritrattand fuq dan il-kap *ma tistax* tiġi kkunsidrata. Din il-Qorti tagħmel rikjam għas-segwenti insenjament tal-ġurisprudenza:

"Mhux kwalunkwe dolo jew ingann ta' parti kontra l-oħra jista' jagħti lok għal rimedju straordinarju ta' ritrattazzjoni iżda biss meta minħabba r-raġġiri jew l-attijiet frawdolenti tal-parti avversarja il-parti l-oħra tkun ġiet imqiegħda fl-impossibilità ta' difiża ġusta u tajba" (Vol. XXXI, pt. I, p. 231);

Il-qerq allura jrid ikun qerq ġudizzjarju jiġifieri inerenti mal-proċeduri;

"*Il dolo da ingresso al rimedio di ritrattazzione solamente quando i raggiri usati da una delle parti sono stati tali che senza essi l'altra parte non sarebbe stata condannata*" (Vol. *XIV, p. 219);*

Dwar is-subinċiż (i) ta' l-artikolu 811;

Fuq dan it-tieni aggravju r-ritrattand hekk jissottometti:

"Jiġi sottomess li hemm lok tar-ritrattazzjoni ukoll skond l-inċiż (i) ta' l-imsemmi artikolu tal-Proċedura Ċivili. Difatti s-sentenza tal-15 ta' Novembru, 1994 fiha konsiderazzjoni u disposizzjoni kontradditorja. Fil-paragrafu 10 tas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti jiingħad li "tul il-perijodu ta' l-fuq minn 4 snin bejn jiġifieri it-2 ta' Lulju, 1983 (data tax-xiri tal-fond mill-appellant) sat-8 ta' Ottubru, 1987 (data tal-ħruġ ta' *l*-attur appellat), il-post ma kienx milqut bir-rekwiżizzjoni billi nel frattemp kienet ħarġet *derequisition* mid-Dipartiment tad-Djar". Iżjed l-isfel is-sentenza tikkunsidra li l-esponent kien tenut li jħallas Lm4,200 lill-attur għaliex il-fond kien derekwiżizzjonat, u dan il-ħlas kellu jsir meta l-esponent jixtri l-fond. Dana mhux minnu, għaliex il-fond reġa' ġie rekwiżizzjonat mill-*Housing*, bl-istess *requisition order* oriġinali numru 5168, fit-12 ta' Marzu, 1987 (ara xhieda ta' George Camilleri tal-Housing Department tat-23 ta' Novembru, 1990, paġna 2). Din ir-*requisition* baqgħet *in vigore* għal snin sħaħ, tant li fl-aħħar il-*Housing Department*, in forza ta' l-istesss rekwiżizzjoni, żgombra lill-attur mill-fond fid-9 ta' Ottubru, 1987. Dana jkompli juri li l-attur, bl-inizjattivi tiegħu li jirritorna ċ-ċwievet tal-fond lil *Housing* meta jispiċċa l-bini tal-plot li ħa, u li dan ir-ritorn ma għamlux u assoġġetta ruħu għall-effetti tar-rekwiżizzjoni oriġinali u ġie żgumbrat, ma setax legalment u fattwalment, jċedi l-inkwilinat a favur ta' l-esponent, u a bażi ta' dawn il-fatti li jirrikorru d-disposizzjonijiet kontradittorji fis-sentenza tal-15 ta' Novembru, 1994. U f'dan il-kuntest ukoll hemm kontradditorjetà fl-istess sentenza meta ġie deċiż li l-esponent tħallas l-interessi legali kif mitluba fiċ-ċitazzjoni. Se mai l-interessi, jekk għal grazzja ta' l-argument ma tiġix akkolta t-teżi li l-attur ma setax iċedi l-inkwilinat, għandhom ikunu dovuti mindu sar l-iżgumbrament ta' l-istess attur mill-fond da parti tal-*Housing*, għax dik kienet il-ġurnata li l-esponent ħa r-ripreża tal-fond";

Anke fir-rigward ta' dan l-aggravju, din il-Qorti tibda biex

tippreċiża li s-subinċiż (i) ta' l-artikolu 811 jipprovdi illi tista' tiġi akkordata talba għal smigħ mill-ġdid biss "jekk fis-sentenza ikun hemm disposizzjonijiet kontra xulxin". Ġie kostantement ritenut mill-Qrati tagħna illi l-kontradizzjonijiet għandhom ikunu mhux biss ta' kwalità u ta' xorta tali illi d-disposizzjonijiet jinnewtralizzaw lil xulxin - "hemm bżonn li dawn id-disposizzjonijiet jiddistruġġu lil xulxin b'mod li ma jkunux jistgħu jiġu esegwiti kollha" (Vol. XLIII, pt. I, p. 264) - imma ukoll li dawn il-kontradizzjonijiet ikunu jirriżultaw fil-parti dispositiva u mhux fil-motivazzjoni tas-sentenza;

"*La contradizione non si deve ritrovare fra le dischiarzioni emesse nella sentenza e il fatti risultanti dal processo ma fra le diverse dichiarazioni contenute nella sentenza stess; essa cioè non si ha da ritrovare nei motivi della sentenza, ma la contradizione per formare motivo di ritrattazione deve ritrovarsi nel disposittivo poiche quanto c'è sifatta contradizione manca la base della sentenza stessa cioè la certezza del guidicato*" (Vol. XXXV, pt. I, p. 137; Vol. XXVII, pt.I, p. 669, Vol. XXIX, pt. I, p. 795; Vol. XLIII, pt. I, p. 264 u oħrajn);

Qari ta' l-aggravju tar-ritrattand fuq dan il-kap juri illi dan hu impernjat fuq allegati kontradizzjonijiet fil-motivazzjoni tas-sentenza impunjata. Hu jittanta jagħmel analiżi mill-ġdid tal-provi kif *del resto* kien diġà għamel quddiem il-Prim'Awla u quddiem din il-Qorti fit-trattazzjoni biex jissottolinea allegati kontradizzjonijiet fil-motivazzjoni tas-sentenza appellata. Provi li ġew apprezzati kemm mill-Ewwel Qorti kif ukoll minn din il-Qorti u li dwarhom huma ddeliberaw u waslu għall-ġudizzju tagħhom. Biżżejjed jingħad illi dak li din il-Qorti rriferit fil-paragrafu 10 tas-sentenza appellata kien biss riproduzzjoni ta' l-argumenti ta' l-appellat li bl-ebda mod ma ġew aċċettati mill-Qorti bħala li kienu jew il-versjoni tagħha tal-fatti jew il-versjoni li kellha tiġi minnha akkolta bħala l-aktar attendibbli.

Infatti din il-Qorti, fil-paragrafu sussegwenti tiddikjara li hi "għarblet mill-ġdid ix-xhieda kopjuża li nġabret tul is-smigħ tal-kawża u jidhrilha li ma hemm lok għal ebda revoka taż-żewġ sentenzi li minnhom sar appell. Il-ftehim magħmul bejn il-kontendenti fl-14 ta' Lulju, 1982 kien jgħid biċ-ċar x'kienu t-termini tiegħu - l-attur joħroġ mill-fond fil-jum li jsir il-kuntratt tax-xiri da parti ta' l-appellant u dan min-naħa tiegħu kellu jħallas lill-attur inkwilin l-ammont ta' Lm4,200". Tajjeb jew ħażin allura din kienet il-konklużjoni ċara u univoka li għaliha waslet din il-Qorti kif qabilha kienet waslet l-Ewwel Qorti. Żgur f'termini li ma jħallu lok għal ebda ekwivoku jew kontradizzjoni. Dan dejjem allura fil-motivazzjoni tas-sentenza appellata u mhux fil-parti deċiżjonali;

Infatti, fil-parti deċiżjonali din il-lanjanza ta' kontradizzjoni żgur ma tistax treġġi għaliex is-sentenza kienet waħda netta ta' ċaħda ta' l-appell u konferma tas-sentenzi li minnhom sar l-appell. Decide redatta f'termini li ma jippermettix kontradizzjoni in kwantu ma jistax isir paragun bejn dispositiv u ieħor meta s-sentenza impunjata kellha biss dispositiv wieħed. "Meta d-disposizzjoni fis-sentenza hi "waħda" ma jistax ikun hemm disposizzjonijiet kuntrarji fl-istess sentenza" (**Ferro *vs* *Housing Secretary*** tal-Qorti Kostituzzjonali, deċiża 21 ta' Frar, 1977). Argument dan li japplika ukoll fir-rigward ta' l-aggravju ta' minn meta kellhom jibdew jiddekorru l-imgħax. Dwar dan is-sentenza impunjata ma ddeċiditx xejn ħlief li kkonfermat dak li ddisponiet is-sentenza tal-prim'istanza. F'dan l-istadju ir-ritrattand qed jittanta jipproponi mill-ġdid l-argumenti tiegħu dwar il-ħlas ta' l-imgħax biex jakkwista reviżjoni tad-deċiżjoni li diġà għaddiet in ġudikat. Proċedura din li tammonta appell minn sentenza tal-Qorti ta' l-Appell u li hija espressament vjetata mill-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. L-argumenti fuq dan l-aspett tal-vertenza, kif del resto dwar aspetti oħra, kienu infatti ġew sottomessi mir-ritrattand bħala aggravju fil-petizzjoni ta' l-

appell tiegħu deċiż finalment bis-sentenza impunjata. Ċertament f'dan ir-rigward il-kontradizzjoni fid-deċide f'dik is-sentenza ma tirriżulta bl-ebda mod;

Anke dan l-aggravju qed jiġi għalhekk respint;

Għal dawn il-motivi t-talba tal-konvenut ritrattand għal smigħ mill-ġdid tal-kawża fuq il-motivi minnu avvanzati qed tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu.